Issa, biex il-poeżija ta' poplu tkun tas-sew il-ħobż tar-ruħ tiegħu, jeħtieġ li tkun poeżija TAL-POPLU, jigifieri, maħsuba minnu u miktuba fil-lsien magħruf u mitkellem minnu: għaliex, kif il-warda hi dejjem bint l-art fejn titwieled, jew fejn titraqqad, hekk il-poeżija hi dejjem bint il-qalb li minnha toħroġ; u l-qalb ta' poplu l-ebda kelma ma tista' tfissirha sewwa ħlief il-kelma tiegħu.

Il-poeżija ta' poplu tieħu l-ħajja mill-ilsien tiegħu, li min-naħa l-oħra jistgħana u jisbieħ bil-poeżija li titnissel minnu, Il-poeżija tagħna—bint qalbna—titlob il-kelma tagħna. Il-Poeżija miktuba f'ilsna barranin ma tista' qatt tkun POEŻIJA TAGĦNA,

## TAQRIQ-IL-GĦAJNEJN

Id-dubbiena minn ġe' t-tieqa
Bħar-raddiena ddur u ttir,
Ħsibtha seqer q'ed jissaqqar ! !
Fl-ajru, bogħ'd, daqs tikka żgħir !

V.M,B

## L-AĦĦAR TISLIMA TA' WOLSEY

*( Minn Henry VIII ta' Shakespeare )*

Saħħa għal dejjem, kobor tiegħi kollu!
Din tal-bniedem ix-xorti : il-lum it-tama
Tħaddar ġo qalbu, għada l-fjuri toħroġ
U fuqu l-ġieħ jinżel jiksiħ bid-dija;
Mat-tielet jum tiġi l-borra li teqred
Weraq u xtieli, u meta l-bniedem, iblaħ,
Jaħseb li kiber sewwa u ħadd ma jista'
Għalih, dik tinżel ġewwa l-għerq u ttemmu,
U bħalma jien issa hekk l-imsejken jaqa'.
Bħat-tfal bla ħsieb li jgħumu fuq il-bżieżaq,
Hekk jien żmien twil mort ngħum f'baħar ta' kobor
Wisq iktar minn li missni : ġiehi ntefaħ
U fl-aħħar hawna, taħt saqajja, tfaqqa';
U issa, issa li tgħakkist u xjieħt, xeħetni
F'wied għaddej li bil-fors għandu jobromni.
Bu għalik, ja tlellix fieragħ tad-dinja!
Inħoss qalbi tiġġedded. Oh tassew
Imsejken min irid minn dak li jsaltan.
Bejn dik id-daħka li tistenna minnu
U l-wiċċ ikrah li juri u l-waqgħa tiegħu
Hemm wisq iżjed imrar, wisk iżjed għali
Minn li fihom flimkien gwerer u nisa;
U meta jaqa', jaqa' bħal Luċifru,
Bla tama ta' qawmien.

*